MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 284/2006

**Burmarrad Commercials Limited**

**Vs**

**George Borg Limited**

## It-Tribunal

Ra l-avviz tas-socjeta' attrici li bih talbet lis-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm1,291.63), illum tlett elef u disgha Euro (€3,009), u cioe' s-somma dovuta lis-socjeta' attrici kwantu ghal tmien mija u sebgha u tletin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm837.38), illum elf, disgha mija u wiehed u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€1,951.10), dovuta ghal xogholijiet ezegwiti fuq il-vettura numru BBO 164, mitejn u tletin lira Maltin (Lm230), illum hames mija u tlieta u hamsin Euro (€535), dovuta bhala kera tal-vettura numru DBH 561, mitejn erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u

ghoxrin centezmu (Lm224.25), u cioe' hames mija u tlieta u ghoxrin Euro (€523), dovuti bhala kera tal-vettura GAO 772.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' April, 2004 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.
Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi :

(a) It-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

(b) Illi t-talba hi preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2148 (a) u 2148 (f) tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju ghas-suespost.

(c) Illi kull xoghol li sar fuq il-van sar minhabba l-fatt li l-van inbiegh lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici b'difett u li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici kien sabiex jirrimedja dan id-difett u taht garanzija miftiehma bejn il-partijiet. Ghalhekk ma hu dovut ebda hlas ghal dan ix-xoghol.

(d) Inoltre, illi l-van fil-fatt ghadu difettuz sal-lum u lanqas ix-xoghol li suppost sar mis-socjeta' attrici sar skond is-sengha u l-arti.

(e) Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma kriet vetturi minghand is-socjeta' attrici. Illi waqt li s-socjeta' attrici kienet qiedgha tipprova tirranga d-difett fil-van fuq imsemmi, l-istess socjeta' attrici accettat li s-socjeta' konvenuta tuza van tas-socjeta' attrici minghajr hlas. Dan minhabba l-fatt li s-socjeta' konvenuta kellha bzonn van biex tkompli fin-negozju nghata van iehor lis-socjeta' konvenuta sabiex tuza l-van waqt li s-socjeta' attrici kienet qiedgha tipprova tirranga d-difett. Il-ftehim kien li ma jkun hemm ebda hlas ghal uzu ta' dawn il-vetturi.

(f) Illi waqt li kien ghadu ghaddej ix-xoghol mis-socjeta' attrici, rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta kienu jmorru kuljum biex jaraw jekk ix-xoghol tlesta.

(g) Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Emmanuel Gauci li xehed li hu ‘General Manager’ tas-socjeta’ attrici , li bhala socjeta’ jimportaw vetturi minn barra u jaghmlu ‘sales’ u ‘repairs’.

Ighid li kienu bieghu Isuzu ‘refrigerated’ lis-socjeta’ konvenuta li bhala vettura kienet madwar ghaxar (10) piedi twila.Il-vettura kienet ‘second hand’ u kellha madwar hames (5) jew sitt (6) snin.
Wara xi erba’ (4) xhur mill-bejgh, kien cempel rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta u kien qal li kien hemm xi problema bir-‘refrigeration’ u xehed li kien qallu li huma jaghmlu ‘repairs’.

Kien infurmah li kien hemm xi problema fil-magna u wara li tah l-istima kien accetta li jitpogga mutur gdid u kellu jzid xi spejjes.

Peress li s-socjeta’ konvenuta kellha bzonn van kienu krewlu van iehor u kienu ghamlu ‘rental agreement’ f’dan is-sens sakemm lestew ix-xoghol fuq il-van Isuzu. Minhabba li kull tlett (3) xhur jaghmlu ‘service’ fuq il-van, kienu talbuh jirritorna l-van mikri u kien krewlu iehor. L-ewwel van kienu krieh ghal gimghatejn, izda ma setax jiftakar il-perjodu ta’ kiri tat-tieni van.

Jispjega li s-socjeta’ konvenuta kienet ilha klijenta taghhom u kienu jaccettaw li l-pagament isir bin-nifs. F’dan il-kaz kienu baghtu kont li kien jinkludi x-xogholijiet tar-‘replacement’ tal-magna, kif ukoll il-kirja tal-vannijiet.

Kienu hallew il-kont pendenti ghal perjodu, pero’ meta ma thallasx kienu ikkomunikaw mas-socjeta’ li kienu talba ‘discount’ u l-“imghallem” kien accetta li jkun hemm discount ta’ ghaxra fil-mija (10%). Izda xorta ma hallasx il-kont. Kien ghalhekk li kellhom jibghatu ittra ufficjali lis-socjeta’ konvenuta, izda ma setax jikkonferma meta kkomunikaw maghha.

<u>Ikkunsidra</u>

It-Tribunal ghandu jezamina l-ewwel eccezzjoni preliminari, fejn is-socjeta' konvenuta ecceppiet l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148 (a) u Artikolu 2148 (f).

L-Artikolu 2148 (a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jolqot biss l-azzjonjiet ta' dawk li jahdmu sengha jew arti mekkanika u mhux ta' dawk li huma kuntratturi organizzati f'azjenda. Din id-disposizzjoni tal-ligi tirreferi precisament ghall-azzjonjiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom. (Langdale Ltd. vs Jon David Ltd – 3.11.04 Appell).

Din id-disposizzjoni ma tinkludix il-"***locato operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghtu, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprmi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali."*** (Langdale Ltd. vs Jon David Ltd – 3.11.04 Appell).

Fil-kaz in ezami hemm involut bejgh ta' vettura mis-socjeta' attrici li tinnegozja billi timporta l-vetturi u toffri 'after sales services'. Ifisser li s-socjeta' attrici pprovdiet il-prodott tax-xoghol taghha u in vista ta' dak kollu rilevat, dan it-Tribunal ihoss li l-fattispeci tal-kaz ma jirrientrawx taht il-kappa tas-subincis (a) tal-Artikolu 2148 (a).

Hemm ukoll l-eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta taht id-disposizzjoni Artikolu 2148 (f). Din id-disposizzjoni tirrigwarda azzjoni ghal hlas ta' kera ta' mobbli u li din l-istess azzjoni hija preskritta mat-terminu ta' tmintax-il (18) xahar.

F'dan il-kaz, is-socjeta' attrici qeghda tfittex ghal hlas ta' kera meta allegatament kienet kriet lis-socjeta' konvenuta zewg (2) vetturi ghall-perjodi differenti u ghalhekk id-disposizzjoni tal-ligi u tapplika ghall-azzjoni odjerna.

It-Tribunal ezamina li l-ittra ufficjali ntbaghtet fit-13 ta' April, 2004 u s-socjeta' konvenuta giet notifikata fit-22 ta' April, 2004. Madanakollu, l-azzjoni giet istitwita fit-30 ta' Marzu, 2006 u cioe' ftit anqas minn sentejn u ghalhekk ferm wara li kienu skadew it-tmintax-il (18) xahar. Ghalhekk, it-Tribunal fil-kors normali, it-talbiet tas-socjeta' attrici kien ikollhom jigu respinti bhala preskritti ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-hlas ta' zewg (2) vetturi u ghalhekk l-ammont ta' illum hames mija u tlieta u hamsin Euro (€535), ugwali ghal mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) ghall-kiri tal-vettura numru DBH 561 u, hames mija u tlieta u ghoxrin Euro (€523), ekwivalenti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm224.52) ghall-kiri tal-vettura numru GAO 772. Pero' biex tali preskrizzjoni tregi mhux bizzejjed illi jkun skada t-terminu preskrittiv, imma hu necessarju ukoll il-gurament tad-debitur li d-debitu mhux dovut, anzi kif hu rikjest mill-artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili.

Kif ser jinghad iktar 'l isfel is-socjeta' konvenuta ma pproduciet lil hadd jippresta l-gurament kif rikjest mill-ligi, anzi ma pproduciet ebda provi. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anki jekk il-perjodu preskrittiv skada ma tistax tregi.

Jibqa' ghalhekk biex jigi kkunsidrat il-mertu tal-kawza.

In kwantu jirrigwarda l-hlas ta' elf, tmien mija u tnejn Euro (€1,802),
cioe' seba' mija u tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm773.59), ghax-xoghol ezegwit fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni BBO 164 li kienet proprjeta' tas-socjeta' konvenuta kif ukoll in kwantu ghall-ammont ta', illum hames mija u hamsa u tletin Euro (€535), ugwali ghal mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) ghall-kiri tal-vettura numru DBH 561, u cioe' hames mija u tlieta u ghoxrin Euro (€523), ekwivalenti ghal mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm224.25) ghall-kiri tal-vettura numru GAO 772. Jinghad li l-provi gew prodotti biss mis-socjeta' attrici.

Infatti, bhala xhieda, dan it-Tribunal huwa limitat in kwantu xehed biss Emmanuel Gauci, 'General Manager' tas-socjeta' attrici li stqarr li kienu bieghu Isuzu lis-socjeta' konvenuta li kellha xi problema u peress li kienu jaghmlu r-riparazzjonjiet kienu gew inkarigati mis-socjeta' konvenuta sabiex jaghmlu dan ix-xoghol u li l-istess socjeta' konvenuta kienet kriet vetturi minghandhom u issa huma (is-socjeta' attrici) kienu qed jitolbu l-hlas.

Ma hemm xejn sabiex jikkontradixxi l-provi tas-socjeta' attrici u fil-limitazzjoni tal-provi prodotti, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jqis il-verzjoni tas-socjeta' attrici bhala verosimili u konsegwentement, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni kif ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-sorte indikata fl-avviz illum ammontanti ghal is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm1,291.63), illum tlett elef u disgha Euro (€3,009), bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------